# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru disgħa u tmenin (89), tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, li nżammet nhar it-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill u bdiet fis-6:35pm

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-laqgħa kellha ssir fid-data murija fuq l-**aġenda** ppubblikata fuq is-sit www.lc.gov.mt wara li għal dik skedata aktar kmieni f'Diċembru, 2011 ma kienx hemm *quorum.* Madankollu l-maġġoranza tal-kunsillieri ma setgħux jattendu u kellna nipposponuha għal ġurnata aktar tard skond komunikati li kien hemm matul il-jiem li għaddew permezz tal-*e-mails* fi tmiem l-2011 u l-bidu tal-2012.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Hu qal li minkejja li dak in-nhar li **ma kienx hemm *quorum*** u l-laqgħa ma saritx, kull min kien preżenti xorta kellhom x'jagħmlu, għaliex qagħdu jkebbu l-*hampers*.

4. Il-**minuti** tas-seduti numru sebgħa u tmenin u tmienja u tmenin kienu meħuda bħala moqrija, dawn ġew **approvati u ffirmati** mingħajr l-ebda korrezzjoni.

**Punti mill-minuti:**

5. Is-sindku qal li x-**xogħol ta' kostruzzjoni** fi Sqaq il-Fjuri flimkien maż-żewġ sqaqien u dak fi Sqaq il-Blanzuni, issa tlesta u jidher li l-*culverts* ħadmu, għaliex ma kienx hemm problemi bix-xita li għamlet dan l-aħħar. Madankollu issa jonqos li jerġgħu isiru s-sinjali s-sofor biex jipprojbixxu l-parkeġġ fl-istess sit.

6. Noel Galea rrefera għal **Sqaq Numru 2 fi Triq Santa Katerina** fejn dan ukoll sar bil-pavimentar. Hu ressaq talba addizzjonali tar-residenti fi Sqaq Numru 1 fi Triq Santa Katerina li xtaqu li l-isqaq tagħhom isir ukoll bil-pavimentar bħalma sar Sqaq Numru 2. Is-sindku qal li l-KLM għandu jikkunsidra li dan hu sqaq żgħir ħafna u minkejja li ma kellna l-ebda stima, il-KLM qabel unanimament li jsir ix-xogħol ta' kostruzzjoni fih.

7. Is-sindku qal illi l-**permessi tat-*trenching*** ta' *Transport Malta* li kien fetaħ il-kuntrattur *Asfaltar Ltd*, għaddew /ħarġu u l-ħaddiema ta' *Asfaltar Ltd* se jwaħħlu t-tabelli; biex jindikaw minn distanzi konsiderevoli li se jkun hemm ix-xogħlijiet fil-jiem li ġejjin. Intant it-tabelli li twaħħlu kważi fl-istess post minn *Schembri Barbros Ltd*, għall-istess raġuni huma biżżejjed biex is-sewwieqa jsuqu b'attenzjoni meta jkunu se javviċinaw il-*junction* fi triq arterja bħalma hi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

8. Dwar il-**qlugħ tas-siġar minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**, is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex ikellem lil Żaru Camilleri tal-*ELC* sabiex wara li l-istess konsorzju żabar b'mod massiċċ dawn is-siġar, isir il-pass li jmiss, jiġifieri li jinqalgħu/jitqaċċtu.

9. Is-sindku rrefera wkoll għall-***party* tal-Milied** li sar għat-tfal u qal illi l-attendenza kienet tajba ħafna u kull min ġie ħa gost. Hu faħħar lill-*isponsors* li kienu *Asfaltar Ltd, Alberta Fire and*

*Security* u *Nexos Lighting Technology* minkejja li hu ttamat li jidħlu xi *sponsors* oħra biex jagħmlu tajjeb għan-nefqa speċjalment tar-rigali.

10. Dwar l-attivitajiet l-oħra li kienu organizzati, minkejja li kontra qalbna kellha titħassar il-**mawra tal-presepji**, irnexxielna nżuru 'l dawk rikoverati fir-residenza tal-**anzjani** San Vinċenz kif ukoll lil dawk fil-**Faċilità Korrettiva ta' Kordin**.

11. Għal-**laqgħa pubblika** tal-lokalità se ninfurmaw lill-kappillan biex iġibilna avviż fil-quddies tal-Ħadd. Intant xorta se jsir *flyer* minkejja li fl-aħħar ħarġa tal-fuljett kienet saret l-istedina lir-residenti biex jipparteċipaw fiha. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba lest li jħallas mhux aktar minn €500 biex tinkera tinda ħalli titpoġġa fil-pjazza flok li din issir fl-Isptar il-Qadim.

12. Is-sindku fakkar lil Grace Marie Mallia sabiex tagħmel il-kuntatti hi mal-Kap tal-Iskola tal-Imqabba ħalli jinżamm il-***quiz*** li jsir għat-tfal tal-iskola.

13. Dwar is-sit elettroniku li fih se jidhru ritratti ta' siti ta' nteress storiku fl-Imqabba minn ***Destinations Malta***, se niftehmu ma' Ms Sue Depasquale ta' *Heritage Malta* sabiex jittieħed ritratt tal-katakombi tal-Mentna kif ukoll jittieħed ritratt tal-proġett ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, ta' barriera fl-inħawi tal-Isqof, tat-Torri Vinċenti, tal-Każini tal-Banda u tal-Knisja minn fuq il-kampnar.

14. Is-sindku ddiskuta x-xogħol tal-proġett **Miżura 313** tal-Unjoni Ewropeja fejn qal illi preżentement qed nistennew il-*green light* minn naħa ta' *Heritage Malta* /Sovratendenza Patrimonju Kulturali, billi l-kuntrattur jipprovdilhom *method statement* li se jkun amalgamat ma' dak tal-perit. Infatti se niltaqgħu biex naraw kif se nqassmu id-*diversion routes* f'fażijiet differenti saħansitra billi ngħaddu t-traffiku minn Triq is-Saljatura. Dan wara li fil-jiem li għaddew tpoġġa il-*mega bill board* li juri d-dettalji tal-proġett saħansitra bid-diżinn b'kollox.

15. Intant is-sindku qal illi se jsir ukoll ***extensive patching*** mar-raħal kollu biex nonoraw ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma billi nwettqu ***reinstatement*** **bil-*hot asphalt*** fuq gandotti li kienu ingħataw *temporary reinstatement* bil-*cold asphalt* f'toroq bit-tarmak. L-*extensive patching* se jservi wkoll biex ikunu eliminati magħqad ta' ilma tax-xita f'għadajjar fi Triq Santa Katerina viċin Sqaq Numru 2, fi Triq il-Mitħna, quddiem il-ħanut tal-pastizzi fi Triq San Bażilju, u fejn razzett fit-tarf ta' Triq Valletta. Intant is-servizzi tal-ilma li kienu msemmija li qed jagħmlu sfreġju fit-toroq jinsabu fi Triq tas-Sejba, Triq Santa Katerina u Triq Karmenu Ciantar. Noel Galea qal li x-xogħol fi Triq is-Saljatura (bil-gandott tad-drenaġġ) se jibda il-ġimgħa d-dieħla. Nicholas Briffa qal illi dan jitlob li jsir ***land survey*** **fi Triq iż-Żurrieq** li tmiss ma' Triq is-Saljatura biex tiġi eliminata l-problema tal-ilma minn din it-triq ukoll. Is-sindku żied li hija l-intenzjoni li jsir *culvert* sabiex jiġbor l-ilma li jinżel minn Triq is-Saljatura u jiġi direġut lejn Triq Ħal Kirkop.

**Aġenda**

16. Dwar l-attivitajiet tal-Milied issemmiet l-**ikla tal-kunsillieri u l-istaff** li se ssir nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2012, fid-*Dolmen Hotel* fit-8:00pm. Is-segretarju eżekuttiv se jieħu ħsieb jibbukkja mejda kif propost.

17. Dwar **il-post ta' Mersia Mackay**, peress li din issa bdiet isservi fil-librerija tar-raħal fil-ħinijiet tax-xogħol tagħha, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba qabel illi din jiżdiedulha l-ħinijiet sa tletin siegħa fil-ġimgħa. Dwar il-proposta ta' *time in lieu*, Nicholas Briffa qal illi hu ma jaqbilx miegħu għaliex dan imur kontra ir-regoli tax-xogħol u tas-siegħat li taħdem barra l-ħinijiet normali tagħha billi erba' siegħat minnhom se jitħallsu mid-Dipartiment tal-Libreriji se jiġu mħallsa f'*overtime*. Intant kien hemm rimarka dwar l-għeluq spiss tal-uffiċċju t'isfel (*customer care*), peress li fil-ġranet li fihom tiftaħ il-librerija filgħodu Mersia Mackay ma tkunx qed toperah. Hawn kien issuġġerit lis-segretarju eżekuttiv illi f'dawn iċ-ċirkustanzi tibda tiftħu

Valerie Galea. Infatti issemma l-każ fejn fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena is-segretarju eżekuttiv kien fuq *vacation leave* li kien applika għalih minn ħafna ġranet qabel u kien jinsab 'il bogħod mir-raħal, u l-iskrivani ħarġu t-tnejn bis-*sick leave*. Is-segretarju eżekuttiv qal illi hu minkejja li sar jaf permezz ta' *sms* tard matul il-jum, xorta waħda fetaħ l-uffiċċju wara nofs in-nhar, minkejja li s-sindku qal li l-ħanut tiegħu laqa' diversi lmenti matul il-għodwa. Hawn Grace Marie Mallia saħqet illi l-ewwel prijorità għandha tkun il-kunsill u mhux il-librerija. Dwar il-post tal-librar/a, id-dipartiment ta struzzjonijiet illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba xorta hu obbligat illi joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mill-ġdid u jagħmel l-intervisti.

18. Is-sindku semma l-bżonn li jsiru ***bus shelters*** fi Triq tas-Sejba u Triq il-Madonna tal-Ġilju, fejn qed ikun hemm in-nies jistennew mingħajr ilqugħ. Hawn intqal illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba irid japplika mal-*MEPA* permezz ta' *Developemnt Notice Order (DNO)* peress li dawn il-*bus shelters* fihom reklam u l-kumpanija li qed tikkoordina t-twaħħil tagħhom hija f'idejn il-kumpanija *Faces Consultants Ltd.* Noel Galea qal li se tiġina aktar minn €1,200 biex jinqala' l-*bus shelter* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti u €1,200 biex iwaħħluh fi Triq tas-Sejba. Għal dak ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju, kien propost illi tinħadem tinda u l-*bus stop* preżenti jersaq aktar qrib il-Każin tal-Futbol. Intqal ukoll li l-*bus shelter* tal-ħġieġ fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin il-ħaddied se jitwaħħal faċċata viċin il-ħanut tal-kotba. Paul Spiteri ssuġġerixxa illi fejn il-bandli jsir *bus shelter* ieħor. Is-sindku qal illi se jżomm kuntatt mas-Sur Kevin Zahra ta' *Transport Malta* dwar din il-materja minħabba it-tibdil fir-rotot bil-kuntrattur *Arriva*.

19. Kienet approvata ċ-**ċedola pagamenti** numru 428.

**F'punti oħra:**

20. Grace Marie Mallia semmiet il-problema ta' **klieb li hemm fi Triq Valletta l-Qadima** jiġru barra viċin il-bitħa ta' kuntrattur.

21. Grace Marie Mallia qalet illi tixtieq il-**lista tal-ilmenti** li kienu irreġistrati mill-aħħar laqgħa s'issa. Is-segretarju eżekuttiv qal illi se jkun jista' jgħaddiha fil-jiem li ġejjin peress li din mhix titla' minn kull *computer* li għandna fl-uffiċċju.

22. Nicholas Briffa qal illi l-**arblu tad-dawl** *(street lighting)* li hemm fi Triq il-Qrendi jinħtieġ *shade* għaliex dan qed jarmi ħafna dawl fuq *cctv camera* li twaħħlet min sid ta' razzett bħal issa.

23. Is-sindku tkellem fuq l-iskema tal-Gvern Ċentrali tal-***Pharmacy of Your Choice*** li issa qed tiġi implimentata fl-Imqabba. Hawn intqal illi hemm bżonn jimtlew xi formoli għaliex il-preskrizzjoni xorta waħda trid issir mill-privat jew inkella mit-tabib tal-berġa.

24. Is-sindku semma wkoll l-**iskema tal-libreriji tal-2012**. Hu qal li se napplikaw għaliha fil-jiem li ġejjin biex ningħataw rifużjoni anke fuq is-siegħat tal-librara.

25. Dwar miżura 313 is-segretarju eżekuttiv irrefera għad-dokumentazzjoni li għadda b'*e-mail* lill-kunsillieri aktar kmieni fil-jiem li għaddew dwar speċifikazzjonijiet ta' kuntratti li trid toħroġ **sejħa għall-offerti** minħabba obbligazzjonijiet tal-istess miżura kif ukoll ir-rimarki mill-Udituri. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet huma dwar il-*web-site* li trid tiġi kostruwita bit-tema *Encouraging Tourism Activities in Rural Areas*, l-assikurazzjoni tal-kunsill kif ukoll il-kuntratt tal-latrina pubblika. Il-kunsillieri taw il-kunsens biex joħorġu dawn l-offerti.

26. Il-**laqgħa li jmiss** se ssir nhar il-31 ta' Jannar, fis-6:00pm, filwaqt illi din intemmet fid-8.45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*31/01/2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |